**15 ta' Novembru, 1958**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. A.V. Camilleri, B. Litt., LL.D.**

**Benedetta Farrugia et.**

*versus*

Giuseppa Aglus et.

**Konsorzju — Drittijiet tal-Maġġjoranza — Amministrazzjoni — Likwidazzjoni ta' Wirt — Diviżjoni — Soprassessjoni — Art. 531 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Għalkemm ikun hemm pendenti ġudizzju ta' likwidazzjoni u diviżjoni ta' wirt, ma hemm xejn fil-liġi li jippreklud lil wieħed mill-kondividenti milli jipproponi ġudizzju separat biex tiġi diskussa kwistjoni dwar l-amministrazzjoni u l-aħjar dgawdija ta' fond li hu mdaħħal fil-massa ereditarja nvoluta fil-ġudizzju tal-likwidazzjoni u diviżjoni.*

*Lanqas ma huwa l-każ li l-Qorti tissoprassjedi fuq dak il-ġudizzju separat, jekk ikun impjantat tajjeb, sakemm tispiċċa l-kawża tal-l'kwidazzjoni u diviżjoni tal-wirt.*

*Jekk uħud mill-kondividenti jkunu ppossessaw ruħhom u okkupaw fond komuni kontra l-volontà tal-komproprjetarji l-oħra li jiffurmaw il-maġġjoranza, dawn jistgħu jitolbu provvedimenti lill-Qorti dwar l-amministrazzjoni u l-aħjar dgawdija tal-fond komuni, imma ma jistgħux jitolbu illi l-Qorti, billi huma jikkostitwixxu l-maġġjoranza, tagħti provvediment fis-sens li tordna lil dawk il-konsorti li okkupaw il-fond joħorġu minnu biex l-istess jiġi okkupat mill-konsorti li jiffurmaw il-maġġjoranza.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni, li bih l-atturi, wara li tiġi mogħtija kull dikjarazzjoni neċessarja u meħud kwalunkwe provvediment opportun, peress li l-kontendenti Benedetta Farrugia, Paolina Bartolo, u Giuseppa Agius, jippossjedu bejniethom, in proporzjon ta' terza parti kull wieħed, l-utili dominju temporaneu għaż-żmien li fadal tal-maħżen jew garage bin-numru 142 College Street, Rabat; liema proprjetà hija provenjenti mill-ereditajiet tal-ġenituri tal-instanti; prevja d-dikjarazzjoni li l-konvenuti ppossessaw ruħhom miċ-ċwievet ta' dan il-fond u qegħdin jużawħ, non ostante l-protest legali tal-atturi preżentat fil-12 ta' Lulju 1958, ċjoè fi żmien meta l-istess użu kien għadu ma bediex isir, u b'dan l-aġir tagħhom huma qegħdin jilledu d-drittijiet tal-instanti, li, kif iddikjaraw fl-imsemmi protest, iridu jużaw huma l-istess fond; talbu li din il-Qorti, in eżekuzzjoni tad-dispożizzjoni tal-art. 531 tal-Kodiċi Ċivili tal-Liġijiet ta' Malta, tagħti l-provvedimenti meħtieġa dwar l-amministrazzjoni u d-dgawdija tal-fond komuni numru 142 College Street, Rabat, u dan billi tilqa' l-fehma tal-maġġjoranza tal-komproprjetarji, kostitwita din il-maġġjoranza mill-fehma tal-atturi. B'riżerva ta' kull azzjoni oħra. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-protest tat-12 ta' Lulju 1958;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Mill-provi miġbura u mit-trattazzjoni tal-kawża jirriżultaw dawn il-fattijiet:— Il-kontendenti, li huma kompossessuri tal-fond in kwistjoni fi kwoti ugawli, liema fond mhux diviżibbli materjalment, kellhom kawża preċedenti bejniethom, l-għaliex iż-żewġ instanti, meta l-attriċi Paolina kienet għadha xebba, kienu llokaw lil ċertu Muscat dak l-istess fond bla ma kienu ottenew il-permess tal-konvenuti oħthom u żewġha, u dawn l-aħħar imsemmija talbu li dik il-lokazzjoni tiġi dikjarata nulla, kif fil-fatt hekk ġiet dikjarata minn dil-Qorti fis-27 ta' Jannar 1958; liema sentenza ġiet konfermata mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-26 ta' Mejju 1958. Fuq din id-dikjarazzjoni ġudizzjarja l-konvenuta u żewġha, fl-1 ta' Lulju 1958, ottenew mandat ta' żgumbrament kontra l-inkwilin Muscat, u in segwitu għal dak il-mandat ġew lilhom kunsinnati ċ-ċwievet tal-post. Kif kellhom iċ-ċwievet tal-istess post, il-konvenut Antonio Agius, bl-adeżjoni ta' martu, il-konvenuta l-oħra, okkupa l-post, non ostanti li ġie diffidat li hekk jagħmel bil-protest legali taż-żewġ attriċi tat-12 ta' Lulju 1958, sabiex jeżerċita bħala "side-line" (peress li huwa prinċipalment jaħdem bħala "skilled labourer" id-Dockyard) is-sengħa ta' "painter" ma' persuna oħra estranea. Jingħad ukoll li jirriżulta, u l-partijiet ma jikkontestawx li l-post in kwistjoni qiegħed għand il-kontendenti bħala eredi tal-ġenituri tagħhom in enfitewsi temporanea li sejra tagħlaq f'Diċembru li ġej, u li bejn il-kontendenti hemm il-lum pendenti quddiem din il-Qorti, diversament presjeduta, kawża ta' likwidazzjoni u diviżjoni tal-ereditajiet tal-ġenituri tal-partijiet, fejn huwa wkoll imdaħħal il-post imsemmi;

Fl-aħħarnett, jirriżulta li, għalkemm fil-protest qalu li bħala maġġjoranza fil-komproprjetà iridu l-istess post għalihom, fil-fatt iriduh biex ir-raġel tal-attriċi Pawlina Farrugia, il-lum Bartolo, li huwa bajjad, jokkupa l-fond "maritali nomine" bil-kunsens tal-attriċi l-oħra, sabiex jerfa fih l-għodda tiegħu, non ostante li fix-xhieda tiegħu stqarr li huwa għodda veri u proprji ma għandux, u sabiex jiġġestixxi l-post mat-tifel t'oħtu bħala fond għall-użu ta' "mechanic" billi l-attriċi ppremettew li jridu huma jużaw l-istess fond (li hija reiterazzjoni ta' dak li hemm kontenut fil-protest imsemmi): u billi jippretendu li l-konvenuti mpossessaw ruħhom miċ-ċwievet u bl-okkupazzjoni

tal-fond kontra l-volontà espressa tagħhom, u l-istess qegħdin, kif allegat, jilledu d-drittijiet tagħhom, mexxew il-kawża odjerna, li huma mpjantaw fuq l-art. 531 tal-Kodiċi Ċivili, u talbu li din il-Qorti tagħti l-provvedimenti meħtieġa dwar l-amministrazzjoni tal-fond in kwistjoni, u dan billi tilqa' l-fehma tal-maġġjoranza tal-komproprjetarji, kostitwita mill-fehma tagħhom it-tnejn li ppromovew il-kawża; għal liema talba l-konvenuti opponew l-eċċezzjonijiet fuq imsemmija;

Ikkunsidrat;

Illi primjerament jingħad li mhux eżatt dak li ġie premess fl-att taċ-ċitazzjoni, li l-konvenuti mpossessaw ruħhom miċ-ċwievet tal-post. Infatti, l-att tar-riċezzjoni ta' dawk l-istess ċwievet kien att leġittimu dixxendenti naturalment u legalment mill-eżekuzzjoni tas-sentenzi li huma ottenew favur tagħhom, tant kontra l-instanti kemm kontra l-inkwilin Muscat. Dak li jista', se maj, jingħad huwa jekk il-konvenuti, wara l-otteniment taċ-ċwievet, setgħux jew le, "marte proprio", jokkupaw il-post, jew aħjar il-konvenut Antonio Agius bl-adeżjoni ta' martu, li mhux dubitat li hija komposseditriċi tal-post, setgħax jew le jokkupa l-istess fond "maritali nomine" kontra l-volontà espressa tal-atturi. Fi kliem ieħor, għalkemm il-konvenuta u żewġha ma jistgħux jissejħu intrużi, u lanqas detenturi bla titolu, tal-fond "de quo", u dan in forza tat-titolu tal-komparteċipazzjoni fil-proprjetà tal-istess post mill-konvenuta, dak li huwa rikonoxxut mill-art. 1684 tal-Kodiċi Ċivili, l-atturi setgħu, se maj, jikkwerelaw ruħhom dwar il-fatt li l-konvenuti qabdu minn jeddhom u kontra l-volontà tagħhom (tal-instanti) u okkupaw l-istess fond b'mod li l-istess instanti, komproprjetarji, huma impossibilitati li jagħmlu użu mill-proprjetà komuni skond id-dritt tagħhom kif hemm maħsub fl-art. 528(b) tal-Kodiċi Ċivili. Jingħad però li ż-żewġ instanti ma mexxewx il-kawża in bażi għall-artikolu fuq imsemmi, kif sar fil-każ tal-kawża deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Ġunju 1955 in re 'Sciortino et. vs. Sciortino" (Vol. XXXIX. P. I, Sez. I, paġ. 265). jew, jekk dehrilhom li l-impossessament kien vjolent, bl-"actio spolii", kif sar fil-kawża deċiża minn dil-Qorti fl-14 ta' Marzu 1898 in re "Naudi vs. Piccichè" (Vol. XVI, P. II,

paġ. 213 u 214), imma ġiebu l-quddiem il-kawża tagħhom in bażi għall-art. 531 tal-Kodiċi Ċivili;

**Ikkunsidrat;**

Illi, qabel ma din il-Qorti tgħaddi sabiex tara, teżamina u tiddikjara, jekk id-domanda attriċi treġġix fuq l-artikolu nvokat mill-istess instanti, huwa meħtieġ li jiġu nvestiti u deċiżi ċerti deduzzjonijiet defensjonali oħra avanzati mill-konvenuti;

Illi ntqal mid-difiża li, peress li bejniethom hemm pendenti quddiem din il-Qorti, diversament presjeduta, ġudizzju ta' likwidazzjoni u diviżjoni, fejn il-fond in kwistjoni huwa wkoll imdaħħal fil-massa patrimonjali in diviżjoni, dan il-ġudizzju kien inutili, l-għaliex b'sempliċi rikors quddiem il-Qorti nvestita b'dik l-istess kawża fuq imsemmja l-kwistjoni nvoluta f'dik il-kawża setgħet tiġi liberament diskussa u regolata. Fil-ħsieb konsiderat ta' dil-Qorti, però, jingħad li ma hemm xejn fil-liġi li jista' jipprekludi wkoll lill-instanti milli jiddiskutu f'ġudizzju separat il-kwistjoni nvoluta fil-kawża odjerna. Jingħad analoġikament li waqt il-pendenza ta' kawża relattiva għall-beni ereditarji posseduti "pro indiviso" wieħed mill-interessati talab in-nomina ta' sekwestratarju ġudizzjarju f'ġudizzju separat, u la l-Qorti u lanqas il-partijiet ma sabu xi jgħidu xejn fuq hekk. Ikif jidher mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-13 ta' Diċembru 1871 in re "Borg vs. Albanese et." (Vol. V, paġ. 655 u ta' wara). Del resto, il-kwistjoni tista', se maj, tirriduċi ruħha għas-soluzzjoni ta' pont tal-kap tal-ispejjeż, imma mhux tal-meritu tal-kawża, li, ladarba l-interess huwa attwali, jista' jiġi mressaq quddiem dil-Qorti għad-determinazzjoni tiegħu, meta huwa l-każ;

Illi ntqal ukoll mill-konvenuti li din il-Qorti kien imissha tissoprassjedi f'dil-kawża, in vista tal-kawża l-oħra tal-likwidazzjoni u diviżjoni, peress li l-istess fond jista' eventwalment imiss lil xi wieħed mill-kontendenti, fosthom il-konvenuti; imma, jekk il-kawża hija mpjantata tajjeb, anki din id-deduzzjoni defensjonali ma tidherx li għandha tiġi milqugħa bil-favur. Infatti, huwa risaput kemm il-ġudizzju doppju, għan-natura tiegħu, ġeneralment jiġbed

fit-tul; u barra minn dan, il-kontendenti huma a konoxxenza tal-fatt li l-utili dominju tal-fond imsemmi, li huwa ta' natura temporanea, sejjer jagħlaq fix-xahar ta' Diċembru li ġej, u għalhekk, kieku fuq il-konsiderazzjonijiet fuq imsemmija din il-Qorti kellha tadotta l-provvediment suġġerit, hija tkun qegħdha tinnewtralizza d-dritt u nteress attwali li l-atturi jippretendu li għandhom u li eventwalment jista' jiġi rikonoxxut, u simultaneament tiffavorixxi lill-konvenuti, li skond l-atturi huma neqsin mid-dritt, u tissanzjona, fil-każ li jirriżulta dan id-dritt tal-instanti, u li l-istess ġie proċeduralment impjantat tajjeb, att li l-istess konvenuti għamlu a preġudizzju tagħhom; dak li mhux ġust u ekwu;

Illi, kwindi, id-deduzzjonijiet oppożitorji tal-konvenuti ma jistgħux jiġu akkolti favorevolment;

Ikkunsidrat;

Illi, kif fuq intqal, il-konvenuti ġiebu l-quddiem kwistjoni oħra dwar l-interpretazzjoni tal-art. 531 tal-Kodiċi Ċivili; huwa għalhekk xieraq li din l-Qorti titkellem fuqu;

Illi, fin-noti tiegħu, il-leġislatur tagħna, dikontru għal dan l-artikolu, jassumi l-artikolu tal-Kodiċi Ċivili Taljan 678 u dak tal-Kodiċi Ċivili Awstrijaku 833 (ara Cremona, Vol. II, paġ. 545 u ta' wara; art. 190 tal-Ordinanza VII tal-1868; Cattaneo e Borda, Codice Civile Italiano Annotato, art. 678, paġ. 494, u Annotazzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili Taljan; u Gioacchino Basevi, Annotazioni Pratiche al Codice Civile Austriaco, art. 833, paġ. 394, u annotazzjonijiet. Billi l-ħaġa trid tkun gawduta in komun, hemm bżonn li jkun hemm ukoll amministrazzjoni komuni, sabiex l-istess ma tiġix użata arbitrarjament jew fl-interess individwali tas-singoli kompossessuri, għalkemm huwa prinċipju ġenerali, derivanti mid-dritt tal-proprjetà, illi l-kondomini, u kwindi l-ko-eredi, kollha għandhom id-dritt tal-amministrazzjoni. Meta l-liġi ssemmi "dgawdija aħjar", dik l-aħjar dgawdija ma toħroġx mill-limiti tal-amministrazzjoni, u tissinifika li ma jistgħux isiru fil-ħaġa komuni ebda innovazzjonijiet, kif jingħad ċar u inekwivokament fl-art. 530 tal-Kodiċi Ċivili, li huwa korrelatat mal-art. 531 tal-istess

Kodiċi, kif jgħidu l-awturi esteri, li għandhom "mutatis mutandis" liġi bħal tagħna (ara Delvitto, Commento del Codice Civile Italiano, komment għall-art. 677 u 678, u Ricci, Diritto Civile, Vol. V, paġ. 36, para. 26), u ssostni l-istess ġurisprudenza nostrali (ara Appell Ċivili 3 ta' Diċembru 1909, in re "Flora Camilleri vs. Francesco Ellul et." (Vol. XX, P. I, paġ. 257);

Huwa minnu li skond il-liġi tagħna, art. 531 Kod. Ċiv., għall-amministrazzjoni u l-aħjar dgawdija tal-ħaġa komuni, jekk il-konsorti kollha ma jkunux jaqblu, il-Qorti tgħaddi biex tagħti l-opportuni provvedimenti, u tista' taħtar amministratur anki minn fost l-istess konsorti, u l-Qorti tilqa' l-fehma tal-maġġjoranza, billi tieħu b'qies l-għadd kollu tal-komproprjetarji (a differenza ta' dak li hemm sanċit fil-Kodiċi Ċivili Taljan u Awstrijaku, li fuq dan il-pont il-maġġjoranza hija kostitwita mill-voti deliberattivi li jirrappreżentaw il-maġġur entità ta' nteressi li jkunu jikkostitwixxu l-oġġett tal-komunjoni), meta d-dissenzjenti ma jurux li b'hekk huma jbatu ħsara; imma huwa altrettant minnu u ċar li in kwantu għall-innovazzjonijiet imsemmija fl-art. 530 Kap. 23 għandu jipprevali l-prinċipju ta' Papinianus li "in re pari potior est causa prohibentis"; b'mod li dik il-maġġjoranza m'għandhiex setgħa timponi ruħha, l-għaliex skond l-istess kliem inekwivoku u ċar tad-dispożizzjoni in parola, biex isiru innovazzjonijiet fil-ħaġa komuni (ċjoè opri jew fatti li jimmutaw l-istess ħaġa komuni fl-essenza tagħha, totalment jew anki parzjalment), irid ikun hemm, anki jekk dawk l-opri jkunu vantaġġjużi, il-kunsens tal-konsorti kollha; u kieku l-art. 531 kellu jiġi nterpretat li huwa applikabbli għall-każi maħsuba fl-art. 530, din l-aħħar dispożizzjoni kienet tiġi virtwalment paralizzata;

Huwa minnu li l-art. 531 tal-Kodiċi Ċivili jabroga l-prinċipju ta' Papinianus fuq kwotat, u bl-adozzjoni tiegħu l-leġislatur ried jagħmel temperament għar-rigorożità kontenuta fil-Liġi 28 Dig. de comm, div., li kienet teżaġera d-dritt tal-minoranzi, imma l-leġislatur illimita dik l-abrogazzjoni għall-konflitti li jitwieldu fl-iżvolġiment talmaterji speċifiċi u attijiet singoli tal-amministrazzjoni u l-

aħjar dgawdija, kif jista' jidher mit-test tal-istess artikolu u minn dak tal-art. 530 kombinati flimkien, kif fuq intqal;

Jibqa' assodat però li d-deliberazzjonijiet kollha in materja ta' amministrazzjoni u l-aħjar dgawdija, ottenuti anki bil-vot tal-maġġjoranza tal-konsorti, huma nulli u bla effett jekk jeċċedu l-limiti tal-kompetenza lilhom fdata mill-liġi; l-għaliex b'dak l-eċċess jiġu leżi mhux biss id-drittijiet tal-minoranza, imma wkoll id-drittijiet singoli tal-konsorti;

Jingħad ukoll li, jekk għall-fini fuq espress, fl-art. 531, ma tistax tifforma ruħha maġġjoranza (sew l-għaliex il-ħaġa komuni tkun tappartjeni lil tnejn minn nies konsorti fi kwoti ideali ugwali, sew l-għaliex tkun tappartjeni lil nies aktar minn tnejn li ma jaqblux fuq il-mod tal-amministrazzjoni u l-aħjar godiment, sew għal kwalunkwe raġuni li tista' tavvera ruħha, jew l-għaliex id-deliberazzjonijiet tal-istess maġġjoranza tal-konsorti, kif trid il-liġi tagħna, jirriżultaw gravement preġudizzjevoli għall-ħaġa komuni), l-awtorità ġudizzjarja tkun tista' tagħti l-opportuni provvedimenti, u għall-bżonn anki taħtar amministratur;

Għalkemm din id-dispożizzjoni, kif fuq intqal, hija kuntrarja għan-normi dettati mid-Dritt Ruman, li jsostni li "quod omnes tangit ut singulos, ab omnibus adprobari debet etiam in individuis" (ara Farbo, Codex Lib. III, Titulus IV, def. V, Neapoli 1735), eppure din id-dissonanza ġiet approvata mill-Kummissjoni Senatorja tal-formazzjoni tal-Kodiċi Ċivili Taljan antik. L-għaliex intqal li "Questa disposizione (tal-Kodiċi Ċivili Taljan, li hija ugwali għal tagħna, ad eċċezzjoni tal-mod kif tifforma ruħha l-maġġjoranza, liema differenza ma taffettax il-konsiderazzjoni magħmula) produrrà ottimi effetti, massime coi savi temperamenti del secondo capoverso (li jaqbel sostanzjalment mal-art. 531 (2) tal-Kodiċi Ċivili Taljan) dell'articolo, circa l'intervento dell'autorità giudiziaria";

Fi kliem ieħor, jekk meta għall-materji tal-amministrazzjoni u l-aħjar dgawdija tal-ħaġa komuni l-leġislatur, sabiex jimpedixxi l-kapriċċ tal-minoranza, ħaseb u ra li kien aħjar li jilqa' l-prinċipju tal-obligatorjetà tad-delibe-

razzjonijiet tal-maġġjoranza, kien ukoll xieraq u skond ma trid il-vera ġustizzja, li jipprovdi li l-minoranza ma tkunx danneġġjata minħabba l-prepotenza tal - maġġjoranza, speċjalment ukoll mbgħad meta jista' jagħti l-każ, tant skond il-kompożizzjoni tal-maġġjoranza kif riedha l-leġislatur tagħna, meta dik l-istess maġġjoranza tkun biss numerika u fil-fatt ma tkunx tikkorrispondi sostanzjalment għall-entità tal-interess fil-ħaġa komuni, kemm jekk il-maġġjoranza tiġi formata bil-mod maħsub fil-Kodiċi Ċivili Taljan ċitat, illi l-istess maġġjoranza tista' tissostanzja ruħha anki f'persuna waħdanija. Minn din id-dispożizzjoni u dak li ntqal fuq jitnissel ukoll kemm in-nomina ta' amministratur hija konsiderata mill-liġi provvediment ta' ċerta gravità, tant li t-tribunal juża mill-fakoltà lilu deferita wara li ma jkunux waslu biex jissokkorruh provvedimenti oħra jew jirritjenihom inopportuni (ara Appell Firenze 23 ta' Diċembru 1882, Ferossi ved. Morelli vs. Somigli", Annali tal-Ġurisprudenza Vol. XVII, p. III); l-għaliex ġuridikament il-prinċipju sovrastanti huwa li l-kondominu għall-parti tiegħu għandu d-dritt jamministra l-ħaġa komuni in forza tad-dritt tal-komproprjetà ("Quoniam hic propter suam partem causam habuit gerendi", L. 25, ff. 16. Dig. fam. ercis.);

Il-kliem tal-liġi "għall-aħjar amministrazzjoni u l-aħjar dgawdija tal-ħaġa komuni', użati mill-leġislatur fl-art. 531 tal-Kodiċi Ċivili, iridu jiġu nterpretati fid-dawl tal-iskop tal-komunjoni, li huwa dak li tiġi l-istess ħaġa komuni mantenuta fl-integrità tagħha, u li tiġi favorita l-konservazzjoni tal-istess ħaġa sa ma tiġi biex issir id-diviżjoni, li neċessarjament trid teffettwa ruħha. Dan juri illi l-komunjoni per sè tikkostitwixxi stat passiv, a differenza tas-soċjetà, li tinkarna stat attiv. Infatti, il-komunisti mhumiex ħlief konsorti konservaturi, li għandhom interess li jikkonservaw u jżommu fi stat ta' miljorament, li sa ċertu pont huwa att ta' konservazzjoni u aħjar dgawdija, il-ħaġa indiviża bla ma jimmodifikawha. Fid-dawl ta' dan il-fini għandhom jiġu ntiżi l-kliem "amministrazzjoni" u "aħjar dgawdija"; il-ħaġa indiviża tista' tkun, bil-vot tal-maġġjoranza tal-konsorti, assoġġettata għal dawk l-atti u affarijiet oħra li skond il-kwalità tal-ħaġa ordinarjament jintervjenu sew biex l-istess tkun konservata, sew biex tipproduċi u tirrendi aktar frutti, li għalihom tkun suxxettibbli;

Illi minn dan jitnissel li l-maġġjoranza tal-konsorti ma tistax timponi lill-minoranza ħlief id-deliberazzjonijiet ta' *pjena amministrazzjoni* u godiment tal-ħaġa komuni, u l-ebda awtorità ġudizzjarja ma sejra tomologa deliberazzjoni tal-maġġjoranza li per sè timplika leżjoni tad-dritt tal-komproprjetà ta' wieħed mill-konsorti. Hekk, "ad exemplum", il-maġġjoranza ma tistax timpedixxi lill-minoranza milli tisserva bil-ħaġa komuni skond id-destinazzjoni tagħha; u dwar il-lokazzjonijiet, li, in tema ġenerali u per regola, ma jistgħux isiru anki mill-maġġjoranza tal-komproprjetarji jew kompossessuri, l-istess liġi tiddisponi fl-art. 1616, 1617 u 1618 tal-Kodiċi Ċivili; liema l-aħħar artikolu *jirrispetta u jikkonserva*, fost oħrajn, id-dritt tal-komproprjetarju anki in minoranza;

Ikkunsidrat;

Illi, stabbilita l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tal-art. 531 tal-Kodiċi Ċivili, jingħad li, kif jidher mill-protest u mill-att taċ-ċitazzjoni, l-instanti, li huma l-konsorti in maġġjoranza fir-rispett tal-fond in kwistjoni, jippretendu li din il-Qorti għandha tgħaddi għall-omologazzjoni tal-fehma tagħhom *fis-sens li* l-post in kwistjoni jiġi materjalment assenjat lilhom in preferenza u ad esklużjoni tal-konvenuta u żewġha;

Illi, kif jirriżulta mill-provi, il-fond in kwistjoni, li mhux fond tal-abitazzjoni, imma maħżen, ma hux materjalment diviżibbli, b'mod li mhux possibbli li t-tliet konsorti in kwistjoni jistgħu jokkupawh kontemporaneament in forza tad-dritt ta' komproprjetà li huwa nvestit rispettivament fihom;

Illi kwindi l-maġġjoranza tal-konsorti, skond l-art. 531 Kap. 23, setgħet biss tiddelibera ċirka l-mod kif il-komparteċipanti kollha, skond iċ-ċirkustanzi tal-każ, jistgħu jidderivaw profitt ugwali minnu u għall-aħjar godiment tal-ħaġa, bla leżjoni tad-dritt rispettiv tagħhom. L-omologazzjoni li qegħdin jitolbu ż-żewġ instanti, bħala maġġjoranza, tad-deliberazzjoni li għamlu, fis-sens li jokkupaw il-fond f'lok il-konvenuta u żewġha, tikkonċerni kontroversja pjuttost ta' pussess għall-godiment materjali tal-

kwota tagħhom u dik tal-konvenuta, u mhux att ta' sempliċi amministrazzjoni, kif ġie deċiż mill-Qorti tal-Appell ta' Ruma fis-6 ta' Marzu 1895 in re "Silveri vs. Muccanti", riportata fit-Temi Romana tas-sena 1895, paġ. 366, u fejn ġie affermat awtorevolment li "Non può ritenersi atto di semplice amministrazione quello di spossessare uno dei condomini e di obbligarlo al rilascio della cosa comune in mano di altri condomini";

Infatti, id-deliberazzjoni tal-instanti in forza tal-art. 531 tal-Kodiċi Ċivili, li, kif fuq intqal, jirriferixxi ruħu *għall-mod li bih il-parteċipanti fil-komunjoni jistgħu jamministraw* is-sostanza komuni, timporta l-istess leżjoni li huma qegħdin jikkwerelaw ruħhom minnha kontra l-istess konvenuta. Kien ikun aktar konsonu maċ-ċirkustanzi ta' fatt riżultati, kieku ż-żewġ instanti ddeliberaw u talbu li jiġi mikri l-post lit-terzi bid-dritt lil kull wieħed minnhom jew lill-maġġjoranza kontemplat fl-art. 1618 tal-Kodiċi Ċivili, b'dan li bejniethom jikkonkorru fuq l-aħjar kondizzjonijiet tal-lokazzjoni u li l-istess tiġi mogħtija għall-aħħar kondizzjonijiet, b'mod li jkun hemm l-aħjar dgawdija bejn il-kompossessuri kollha; imma ż-żewġ instanti ħasbuha diversament; liema fehma tagħhom ma tistax tiġi akkolta;

Dan ma jfisserx li din il-Qorti tapprova l-aġir tal-konvenuta u żewġha; l-għaliex jekk il-konvenuti ottenew fil-fatt il-kunsinna taċ-ċwievet tal-post leġittimament in eżekuzzjoni tas-sentenzi ta' din il-Qorti fuq menzjonati li għandhom favur tagħhom, dawn l-aħħar imsemmija ma setgħux, kontra l-volontà espressa tal-komparteċipanti l-oħra fil-ħaġa komuni, u a preġudizzju tagħhom, jokkupaw il-fond. Del resto, l-otteniment taċ-ċwievet kien jimporta biss li l-fond imsemmi, dikjarata nulla l-lokazzjoni li għamlu l-instanti lil Muscat mingħajr il-kunsens tal-konvenuta, reġa' rritorna għall-godiment tiegħu lill-komunisti kollha, u mhux lill-konvenuta individwalment;

Illi, kwindi, it-talba attriċi, kif inhija mpustata, ma tistax tiġi milqugħa bil-favur;

Għalhekk;

Taqta' u tiddeċidi billi tillibera lill-konvenuti; bl-ispejjeż; riżervata liż-żewġ instanti kwalunkwe azzjoni oħra skond il-liġi.